# L-Iskema għall-Wirt Artistiku

## Linji Gwida u Regolamenti 2026

KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

MAĦRUĠA: FRAR 2026

## ALLOKAZZJONIJIET

| BAĠIT GĦAS-SESSJONI | AMMONT MASSIMU ELIĠIBBLI GĦALL-PROĠETTI RELATATI MAL-FESTA: |
|---|---|
| EUR 1,000,000 | Soċjetajiet tal-banda u Soċjetajiet Mużikali tal-Festa – EUR 8,000<br>Saħħa u sikurezza fil-kmamar tan-nar – EUR 5,000*<br>Armar artistiku semi-permanenti – EUR 5,000<br><br>l-għan li tiżvolġi l-organizzazzjoni b'rabta mal-festa għandu jkun indikat fl-istatut tal-organizzazzjoni volontarja<br><br>*għaqdiet li jaħdmu ġo kamra tan-nar li m'hijiex propjetà tal-istess għaqda jibbenefikaw minn massimu ta' EUR 2,500 |

| KOFINANZJAMENT | ŻBORŻ |
|---|---|
| Il-fond jista' jkopri sa 100% tal-ispejjeż totali tal-proġett | 70% wara l-iffirmar tal-ftehim ta' għotja<br>30% wara l-approvazzjoni tar-rapport finali |

## SKEDA TA' ŻMIEN

| SKADENZA | RIŻULTATI | PERJODU TA' ŻMIEN ELIĠIBBLI |
|---|---|---|
| 24 ta' Marzu 2026 | 7 ta' Mejju 2026 | 8 ta' Mejju 2026 – 8 ta' Mejju 2027 |
| 6 ta' Ottubru 2026 | 19 ta' Novembru 2026 | 20 ta' Novembru 2026 – 20 ta' Novembru 2027 |

# 1. Introduzzjoni

Il-Kunsill Malti għall-Arti jirrikonoxxi li l-festa Maltija hija parti mit-tessut tal-bliet u l-irħula tagħna. Minsuġa ma' dawn il-festi nsibu numru ta' organizzazzjonijiet volontarji li jieħdu ħsieb li jippreparaw armar artistiku sabiex iżejnu l-pjazez u t-toroq tal-ibliet u l-irħula f'Malta u Għawdex, jieħdu ħsieb iżewqu l-iljieli sajfin tagħna b'kuluri u ġiġġifogu mill-isbaħ, jieħdu ħsieb it-tkattir tal-kultura mużikali kif ukoll il-ħarsien u t-tisħiħ tat-tradizzjonijiet kulturali f'pajjiżna. F'dawn l-organizzazzjonijiet volontarji jinsab nukleu ta' nies li jaħdmu s-sena kollha b'mod volontarju biex jippreparaw attivitajiet marbuta mal-festa tar-raħal jew belt tagħhom.

Il-Kunsill jagħraf l-importanza li għandhom l-għaqdiet kulturali u għaqdiet soċjali Maltin li jaħdmu b'mod volontarju, fit-tkattir, ħarsien u tisħiħ tat-tradizzjonijiet kulturali f'pajjiżna. Dan kollu jsir primarjament fuq bażi volontarja u għalhekk, sabiex tissaħħaħ il-ħidma ta' dawn l-għaqdiet, qed tiġi mnedija l-iskema għall-wirt artistiku. L-għan tal-iskema hu li tipprovdi għajnuna lill-organizzazzjonijiet matul is-sena sabiex jinvestu fil-preparamenti għall-attivitajiet li jsiru matul is-sena. Din l-iskema hija amministrata mill-Kunsill Malti għall-Arti fi ħdan il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali.

L-organizzazzjonijiet volontarji għandhom ikunu attivi f'wieħed, jew aktar mill-oqsma li ġejjin:

- Fil-mużika strumentali għall-festa
- Fis-saħħa u s-sikurezza fil-kmamar tan-nar
- Fl-armar artistiku semi-permanenti

Il-proposti għandhom jikkwalifikaw bħala wieħed minn dawn li ġejjin:

### Proposti għal mużika strumentali għall-festa

- Programmi ta' tagħlim u taħriġ mużikali mmirati għal surmastrijiet, l-assistenti surmastrijiet u għalliema.
- Proposti ta' investiment fi ħtiġijiet edukattivi fejn jidħol it-tagħlim ekstrakurrikulari.
- Proġetti innovattivi li permezz tagħhom is-soċjetà jew għaqda tespandi l-attività mużikali tagħha kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta, liema attività trid tkun waħda sostenibbli.
- Proġetti sabiex is-soċjetà jew għaqda tinvesti fit-teknoloġija u l-komunikazzjoni biex ikolla strutturi (set-ups) aktar moderni għall-benefiċċju tal-membri tagħhom.
- Restawr tal-oġġetti/opri li għandhom, bħal pitturi, arkivji mużikali, planċieri, standardi, strumenti antiki u għamara antika, eċċ.
- Tisħiħ ta' kollaborazzjoni bejn is-soċjetajiet tal-banda f'dak li għandu x'jaqsam mal-bandisti tagħhom.
- Tisħiħ ta' sistemi amministrattivi interni relatati mas-soċjetà jew għaqda u l-bandisti tagħhom.
- Tisħiħ, tisbiħ u restawr tal-infrastruttura eżistenti li permezz tagħha jistgħu jagħmlu l-ambjenti tat-tagħlim u eżekuzzjoni mużikali aktar professjonali jew/u sabiex iwettqu l-ħidma tagħhom b'mod aktar aċċessibbli.
- Twettiq ta' proġetti jew programmi soċjokulturali jew mużikoletterarji.

### Proposti għas-saħħa u s-sikurezza fil-kmamar tan-nar

- Investiment f'apparat u f'armar biex in-nar ikun jista' jinħaraq b'mod aktar sigur
- Investiment f'makkinarji u f'għodod li jiffaċilitaw il-manifattura tan-nar u jżidu s-sigurtà tal-produzzjoni
- Investiment f'riżorsi edukattivi dwar is-saħħa u s-sikurezza fil-manifattura tan-nar
- Investiment fl-infrastruttura tal-kmamar tan-nar

- Restawr tal-kmamar tan-nar
- Tisħiħ ta’ kollaborazzjoni bejn il-kmamar tan-nar lokali u Ewropej.

### Proposti għall-armar artistiku semi-permanenti

- Disinn u manifattura ta’ bandalori
- Disinn u manifattura ta’ festuni tad-dawl
- Disinn u manifattura ta’ pavaljuni tad-drapp
- Disinn u manifattura ta’ pavaljuni tad-dawl
- Disinn u manifattura ta’ pedestalli artistiċi
- Disinn u manifattura ta’ armar artistiku li jintrama fit-toroq waqt il-jiem tal-festa (dan jeskludi l-liedna)
- Investiment ta’ tagħlim u tħarriġ relatat ma’ disinn u manifattura ta’ armar artistiku
- Proġetti u attivitajiet kulturali
- Proġetti u attivitajiet soċjali
- Restawr ta’ kull tip ta’ armar artistiku li jintrama fit-toroq waqt il-jiem tal-festa (dan jeskludi l-liedna)
- Statwi li jintramaw fit-toroq.

Rekwiżiti konformi mal-Istrateġija

F’konformità mal-impenn tiegħu li jappoġġja l-arti permezz tal-approċċ sostenibbli u responsabbli tiegħu għall-investiment pubbliku, il-KMA jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti għal dan li ġej f’konformità mal-Istrateġija 2025.

L-applikanti huma mitluba jikkunsidraw id-Dritt għall-Kultura – Pakkett ta’ Riżorsi meta jizviluppaw il-proposta tagħhom b’rabta ma’ kif jimpenjaw ruħhom mal-komunitajiet u l-konsiderazzjonijiet tad-drittijiet kulturali ta’ kulħadd fix-xogħol tagħhom. Il-pakkett ta’ riżorsi għandu l-għan li jżid l-għarfien dwar l-inklussività u jappoġġja l-implimentazzjoni tad-drittijiet kulturali fil-prattika tagħna ta’ kuljum.

L-applikanti huma meħtieġa wkoll jikkunsidraw il-Karta għall-Istatus tal-Artist meta jipproponu l-attivitajiet operattivi u ta’ programmazzjoni tagħhom biex jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol aċċettabbli u deċenti għall-artisti u l-prattikanti kreattivi li jħaddnu l-libertà artistika, l-aċċessibbiltà, ir-rikonoxximent ta’ ħiliet formali/informali/non-formali, kundizzjonijiet soċjo-ekonomiċi deċenti, non-diskriminazzjoni u ekwità, konsiderazzjonijiet etiċi u aderenza mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-liġi internazzjonali tax-xogħol. Il-Karta għall-Istatus tal-Artist hija maħsuba biex tipprovdi qafas dinamiku ta’ referenza għal kwalunkwe leġiżlazzjoni, politika, jew inizjattiva li jkollha impatt dirett jew indirett fuq l-artisti u s-setturi kulturali u kreattivi, u tiżgura li kwalunkwe azzjoni tkun allinjata mal-viżjoni aħħarijai fit-tul li tgħolli l-istatus tal-artisti f’Malta f’konformità mal-valur tanġibbli tagħhom għas-soċjetà.

# 2. Definizzjonijiet

### Applikant

- Applikant irid jkun organizzazzjoni volontarja iskritta mal-kummissarju tal-organizzazzjonijiet volontarji fl-2024 u li hija konformi mall-liġi tal-Organizzazzjoni Volontarji. Applikant irid jikkwalifika bħala każin tal-banda jew soċjetà mużikali tal-festa u/jew fabbrika tal-logħob tan-nar u/jew organizzazzjoni tat-tiżjin tal-festa. L-applikanti ma jistgħux ikunu impjegati mal-Kunsill Malti għall-Arti jew involuti fil-ġestjoni tal-Iskema għall-wirt artistiku.

## Applikazzjoni

- Applikazzjoni hija sottomissjoni, inklużi d-dokumenti obbligatorji kollha u kwalunkwe anness għall-formula tal-applikazzjoni mressqa minn applikant eliġibbli.

## Benefiċjarju

- Il-benefiċjarju huwa r-riċevitur tal-għotja. Il-benefiċjarju huwa responsabbli mit-twettiq tal-proposta appoġġata mill-Iskema. Il-benefiċjarju tal-għotja ma jistax jinbidel tul il-proġett iffinanzjat u sakemm jinħareġ l-iżborż finali. L-iżborż tal-għotja jista' jinħareġ biss f'isem il-benefiċjarju. Il-benefiċjajru huwa responsabbli li jiżgura li kwalunkwe fattura tal-VAT tinħareġ f'isem il-benefiċjarju u tinkludi l-informazzjoni tal-VAT tal-benefiċjarju. F'każ li l-benefiċjarju ma jwettaqx attività ekonomika u għaldaqstant m'huwiex irreġistrat għal-VAT il-benefiċjarju għandu l-obbligu li jaċċerta ruħu li ser jingħata irċevuta fiskali għas-servizz jew xogħol li qed jingħata.

## Bord tal-Evalwazzjoni

- Il-Kunsill Malti għall-Arti jaħtar Bord tal-Evalwazzjoni għal kull sejħa tal-Iskema. Il-bord maħtur jista' jkun magħmul minn professjonisti lokali jew barranin fis-settur tal-kultura u l-arti.

## Dokumentazzjoni obbligatorja

- Id-dokument(i) meħtieġ(a) kollha li jappoġġaw il-proposta tiegħek u jgħinu l-evalwazzjoni tal-proġett tiegħek (eż. rekords preċedenti, portafolli, CVs artistiċi, korrispondenza uffiċjali li tikkonferma l-kiri ta' spazju, permessi jew oħrajn).

## Eliġibbiltà

- Qabelxejn isir skrinjar tal-applikazzjonijiet fir-rigward tal-eliġibbiltà teknika u artistika mill-amministraturi u l-ġesturi tal-fond. Il-proposti li ma jinstabux eliġibbli ma jibqgħux jiġu pproċessati jew evalwati.

## Evalwazzjoni

- L-applikazzjonijiet meqjusa konformi u eliġibbli jiġu evalwati mill-evalwaturi maħtura skont il-kriterji stabbiliti f'dawn il-linji gwida.

## Finanzjament massimu

- Hemm ammont massimu li jista' jiġi allokat għal proposti f'dawn il-kategoriji:
    - Każin tal-banda jew soċjetà mużikali tal-Festa, b'ammont massimu ta' EUR 8,000
    - Fabbriki tal-logħob tan-nar, b'ammont massimu ta' EUR 5,000, sakemm il-fabbrika tal-logħob tan-nar hija l-propjetà tal- applikant, filwaqt li
    - Applikanti li jaħdmu ġo fabbriki li m'humiex propjetà tagħhom jistgħu jibbenefikaw minn massimu ta' EUR 2,500
    - Organizzazzjonijiet ta' tiżjin tal-festa, b'ammont massimu ta' EUR 5,000.

  Dan se jiġi deċiż każ b'każ skont l-applikazzjoni.

## Ġestjoni u amministrazzjoni

- Il-Kunsill Malti għall-Arti huwa responsabbli mill-implimentazzjoni u mill-ġestjoni ta' din l-iskema. Il-korrispondenza uffiċjali kollha, inkluż it-tressiq online tal-applikazzjonijiet u l-aġġornamenti dwar il-proposti rebbieħa, għandha tintbagħat lill-indirizz indikat f'dawn il-linji gwida.

Individwu

- L-individwi li japplikaw għall-għotja jridu jkunu ċittadini Maltin; jew ikollhom permess ta' residenza f'Malta, jew ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija, jew passaport Malti.

Komunità

- Grupp ta' persuni li jikkondividu valuri, drawwiet, identitajiet jew prattiċi.

Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi

- L-entitajiet kulturali pubbliċi li jaqgħu taħt il-mandat tal-Kunsill Malti għall-Arti, li jinkludu Teatru Manoel, Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, l-Orkestra Filarmonika Nazzjonali, il-Fondazzjoni Kreattività, Pjazza Teatru Rjal, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, il-MICAS, Festivals Malta u Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva.

Organizzazzjoni Volontarja

- Organizzazzjoni stabbilita legalment u/jew irreġistrata pubblikament f'Malta, li għandha statut. L-organizzazzjonijiet volontarji għandhom ikunu iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji f'konformità mar-rekwiżiti tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (http://www.maltacvs.org). L-applikant għandu jkun rappreżentant awtorizzat legalment tal-organizzazzjoni.

Żborż ta' Fondi

- L-għotja tingħata hekk kif indikat f'paġna 2 ta' dawn il-Linji Gwida u Regolamenti. Il-ħlas isir permezz ta' ċekk maħruġ f'isem l-applikant. Kull applikant li jressaq applikazzjoni jeħtieġ ikollu kont bankarju validu.

# 3. Eliġibbiltà

L-applikazzjonijiet l-ewwel jiġu skrinjati għall-eliġibbiltà. L-applikazzjonijiet li mhumiex eliġibbli skont il-punti t'hawn taħt ma jiġux ipproċessati aktar u ma jiġux evalwati.

Skeda ta' żmien eliġibbli massimu: 12-il xahar

## 3.1 Min jista' japplika?

L-applikanti għandhom jikkwalifikaw bħala:

- Każin tal-Banda jew soċjetà mużikali tal-Festa
- Fabbrika tal-logħob tan-nar
- Organizzazzjonijiet tat-tiżjin tal-festa

Barra minn hekk, l-applikant irid ikun Organizzazzjoni Volontarja rreġistrata mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji fl-2024 u li konformi għas-sena 2024.

L-applikanti jridu juru b'mod ċar li l-organizzazzjoni volontarja hija attiva fil-qasam li qed tapplika għalih. Tista' tagħmel dan billi tissottometti l-parti tal-Istatut li tindika l-attività:*

- Fil-mużika strumentali tal-festa.
- Fis-saħħa u s-sikurezza fil-kmamar tan-nar
- Fl-armar artistiku semi-permanenti

*għall-iskop ta' dawn il-linji gwida, *attività* tfisser li l-istess organizzazzjoni volontarja għandha l-kapaċità li twettaq l-attivitajiet relatati mal-qasam li qed tapplika għalih mingħajr ma tiddependi b'mod esklussiv minn terzi.

L-applikanti li jirrappreżentaw l-orgnizzazzjoni volontarja jridu jkunu ċittadini Maltin, jew ikollhom permess ta' residenza f'Malta, jew ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija, jew passaport Malti.

## 3.2 Min ma jistax japplika?

- Applikanti li l-profil tagħhom ma jiġix ivverifikat minħabba li ma jkunx komplut għax ma jinkludix dawn id-dokumenti obbligatorji:
    - kopja tal-karta tal-identità Maltija (quddiem u wara) jew il-permess ta' residenza f'Malta jew iċ-ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija jew il-passaport Malti;
    - statut iffirmat fil-każ ta' organizzazzjoni volontarja.
- Applikanti li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' applikant għal din l-iskema partikolari.
- Benefiċjarji li m'onorawx impenji preċedenti ta' finanzjament.
- Benefiċjarji li ma ressqux jew li ma' kkonkludewx saż-żmien stipulat minn tal-inqas rapport finali wieħed b'rabta ma' għotja passata u ffinanzjata mill-Kunsill Malti għall-Arti.
- Fil-każ tat-tieni sejħa, benefiċjarji li ngħataw il-fondi mill-ewwel sejħa tal-iskema
- Każin tal-Banda jew soċjetà mużikali tal-festa li m'għandhiex strumenti
- Organizzazzjonijiet volontarji li:
    - mhumiex iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji;
    - ġew iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji wara l-2024;
    - l-attivita tagħhom bdiet wara l-2024;
    - ma ppreżentawx il-kontijiet aġġornati tagħhom lill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji;
    - m'għandhomx indirizz irreġistrat fil-Gżejjer Maltin.
- Organizzazzjonijiet/attivitajiet għall-briju tal-festa.
- Organizzazzjonijiet/attivitajiet għan-nar li jiġi mixtri u/jew maħruq minn fuq il-bejt tal-każin jew simili.
- Organizzazzjonijiet/attivitajiet għall-armar tal-faċċata tal-każin u/jew knisja u zuntier.
- Organizzazzjonijiet/attivitajiet li jirċievu fondi pubbliċi permezz ta' voti stabbiliti mill-Gvern.

## 3.3 Liema spejjeż jistgħu jiġu koperti?[1]

Din l-għotja tista' tkopri sa 100% tal-ispejjeż li ġejjin li huma relatati direttament mal-proposta (L-għotja ma tistax taqbeż l-ammont indikat fid-definizzjoni ta' finanzjament massimu, għal kull qasam).

- Abbonamenti għal pjattaformi virtwali jew servizzi diġitali oħra fejn relevanti
- Assigurazzjoni
- Ġestjoni ta' proġetti
- Kiri ta' spazji (il-kiri ta' spazji jiġi kkunsidrat biss jekk jitqies li kien neċessarju għall-proġett)

[1] L-ispejjeż kollha jiġu kkunsidrati biss jekk dawn ir-riżorsi ma jkunux diġà koperti/ma jistgħux jiġu koperti mill-applikanti jew minn organizzazzjonijiet ta' appoġġ/imsieħba.

- Kiri/xiri ta’ tagħmir (ix-xiri tat-tagħmir jiġi kkunsidrat biss jekk jitqies meħtieġ għall-proġett)
- Konsultazzjoni, riċerka u pariri minn professjonisti dwar saħħa u sikurezza, assessjar ta’ riskji u kwistjonijiet etiċi
- Kontinġenza, sa massimu ta’ 10% tal-ispiża totali
- Miżati relatati mat-taħriġ u l-iżvilupp (dawn iridu jiġu ġġustifikati abbażi tal-proġett propost)
- Miżuri tas-saħħa u tas-sikurezza
- Spejjeż fuq produzzjoni
- Spejjeż fuq tagħlim u żvilupp
- Tariffi artistiċi
- Tariffi oħra direttament relatati mal-implimentazzjoni tal-proġett (inklużi fost oħrajn spejjeż legali, mentoraġġ, fornituri ta’ servizzi, tariffi għall-parteċipazzjoni, eċċ.)

Għal aktar informazzjoni dwar kif għandek tippreżenta l-baġit tiegħek, irreferi għal-Linji Gwida Ġenerali dwar il-Baġit disponibbli fuq: https://artscouncilmalta.gov.mt/funding-and-grants/general-budget-guidelines/.

## 3.4 Liema spejjeż ma jistgħux jiġu koperti?

- Spejjeż li diġà huma koperti minn organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi, jew programmi ta’ finanzjament pubbliku ieħor immaniġġjat jew ikkomaniġġjat mill-Kunsill Malti għall-Arti jew aġenzija pubblika oħra, dipartiment tal-Gvern jew Ministeru
- Spejjeż li huma eliġibbli taħt skemi oħra immaniġġjati jew ikkomaniġġjati mill-Kunsill Malti għall-Arti jew aġenzija pubblika oħra, dipartiment tal-Gvern jew Ministeru
- Spejjeż relatati ma’ attivitajiet u/jew avvenimenti għall-ġbir ta’ fondi
- Spejjeż relatati ma’ festa bbażata fuq id-divertiment (briju)
- Spejjeż relatati max-xiri ta’ logħob tan-nar
- Spejjeż relatati ma konsumabbli użati għall-produzzjoni tal-logħob tan-nar
- Spejjeż relatati mal-logħob tan-nar li jinħaraq minn fuq il-bejt tal-każin tal-banda jew postijiet simili
- Spejjeż relatati ma’ tiżjin ta’ faċċati ta’ każini tal-banda u/jew knisja jew zuntier
- Spejjeż relatati ma’ tiżjin li mhuwiex semi-permanenti u li jintużaw esklussivament waqt il-festa
- Tariffi għal servizzi pprovduti minn Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi jew aġenzija pubblika oħra, dipartiment tal-gvern jew Ministeru
- Finanzjament għall-ħolqien jew żamma ta’ konkorsi, kompetizzjonijiet, boroż ta’ studju, premji jew scholarships
- Rimborż ta’ salarji, jew parti minnhom
- Spejjeż li ma sarux fl-iskeda ta’ żmien eliġibbli
- Spejjeż għal attivitajiet li ma jaqgħux taħt l-iskop jew/u l-għan tal-istatut, jew/u il-kapaċità tal-istess organizzazzjoni volontarja.
- Sussistenza, catering u ospitalità.

## 3.5 Applikazzjonijiet mhux eliġibbli

- Attivitajiet li mhumiex relatati mal-festa tar-raħal jew belt.
- Attivitajiet li l-objettiv tagħhom huwa li jiġbru l-fondi jew propaganda politika.
- Applikazzjonijiet għall-attivitajiet li jiżvolġu matul il-festa.
- Applikazzjonijiet għall-ħolqien jew żamma ta’ konkorsi, kompetizzjonijiet, boroż ta’ studju, premji jew scholarships.

- Applikazzjonijiet sottomessi wara nofsinhar (12:00) tal-ġurnata rispettiva tad-data ta' skadenza.
- Applikazzjonijiet ippreżentati minn entitajiet pubbliċi bi jew mingħajr vot fuq linja baġitarja.
- Applikazzjonijiet mhux kompluti (irreferi għal-lista ta' kontroll f'taqsima 5.1).
- Fil-każ tat-tieni sejħa, applikazzjonijiet li ngħataw il-fondi mill-ewwel sejħa.
- Inizjattivi eliġibbli taħt kwalunkwe programm ieħor iffinanzjat mill-istat iddedikat għall-arti/kultura Maltija.
- Proġetti b'durata li ma tidħolx eżatt fl-iskeda taż-żmien eliġibbli.
- Proġetti li ser ikunu diġà bdew jew tlestew qabel in-notifika tar-riżultat lill-applikant(i).

Kwalunkwe attività oħra li tista' tiġi żviluppata barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema għall-wirt artistiku.

Applikant jista' jissottometti aktar minn applikazzjoni waħda iżda jista' jibbenefika darba biss tul l-istess sena kalendarja.

# 4. Kriterji

Il-Bord tal-Evalwazzjoni se jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-kriterji li ġejjin:

## 4.1 Kriterju 1: Il-Kunċett (40 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-idea(t) artistika/artistiċi tal-proġett jew tal-attività proposta kif ukoll l-għanijiet u l-objettivi tiegħu fir-rigward tal-applikant. L-applikazzjoni ser ikollha tirreferi wkoll għal kwalunkwe pjan għall-iżvilupp professjonali u għall-bini tal-kapaċità li jagħmlu parti mill-proposta. Għalhekk għandhom jiġu indirizzati l-punti li ġejjin f'mhux aktar minn 500 kelma:

- Il-kuntest tal-proġett (20 marka)
- L-għanijiet u l-objettivi tal-proġett (10 marki)
- Deskrizzjoni dettaljata u konċiża ta' kulma jinvolvi l-proġett, inklużi l-attivitajiet speċifiċi kollha relatati miegħu (5 marki)
  Ipprovdi d-disinni jew abbozzi artistiċi, materjal awdjoviżiv, kampjuni, pjanti, ritratti, jew evidenza tal-proposta skont il-każ.
- X'inhuma l-pjanijiet lil hinn mill-implimentazzjoni ta' din il-proposta? (5 marki)

## 4.2 Kriterju 2: Il-ġestjoni tal-proġett (20 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-livell ta' impenn u tħejjija qabel it-tressiq tal-proposta kif ukoll il-pjan propost biex twassal il-proġett tiegħek u tikseb l-għanijiet u l-miri tagħha. Għalhekk l-iskeda ta' żmien għall-kisba tar-riżultati u l-iskedi ta' żmien relevanti għandhom ikunu mniżżla b'mod ċar u ġġustifikati kif xieraq flimkien mal-ġestjoni tar-riskju pertinenti. F'dar-rigward għandhom jiġu indirizzati dawn il-mistoqsijiet f'mhux aktar minn 300 kelma:

- Kif qed tippjana li twassal il-proġett? (eż. l-iskedi taż-żmien, il-pjanijiet ta' ħidma, ir-responsabbiltajiet, il-ħiliet u r-rekord tal-persuni responsabbli mill-ġestjoni tal-proġett, il-pjan loġistiku) (10 marki)
- Hemm xi permessi meħtieġa, kwistjonijiet ta' drittijiet tal-awtur u kwistjonijiet legali, etiċi u amministrattivi oħra li teħtieġ tittratta? (10 marki)

## 4.3 Kriterju 3: L-Involviment tal-Udjenza (20 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-involviment u l-iżvilupp ta' udjenzi stabbiliti u/jew ġodda. L-involviment jirreferi għar-rwol, in-natura tal-involviment u l-esperjenza offruti lill-udjenza. L-udjenzi jistgħu jinkludu gruppi ta' partijiet ikkonċernati interni u/jew esterni skont in-natura tal-proġett jew attività proposta. Pereżempju, jekk l-għan primarju tal-proġett huwa l-bini tal-kapaċità, l-udjenzi jistgħu jinkludu kollaboraturi u kwalunkwe parteċipanti oħra li huma involuti fil-proċess. Jekk il-proġett jinkludi avveniment jew produzzjon pubblika, l-udjenzi jistgħu jinkludu membri mill-pubbliku ġenerali. Dan il-kriterju jenfasizza l-livell ta' involviment abbażi ta' x'qed jiġi propost mill-applikant(i) f'konformità mal-mistoqsija li ġejja li għandha tiġi indirizzata f'mhux aktar minn 300 kelma:

- Min huma l-udjenzi fil-mira tiegħek (interni u/jew esterni) u kif se jintlaħqu dawn l-udjenzi? (20 marka)

## 4.4 Kriterju 4: Il-Baġit (20 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra kemm huwa ppjanat tajjeb u realistiku l-pjan tal-baġit ippreżentat. Jikkunsidra wkoll l-isforzi biex jinkisbu fondi minn sorsi oħra. Iridu jiġu indirizzati l-mistoqsijiet li ġejjin f'mhux aktar minn 300 kelma:

- X'inhuma l-ispejjeż fil-baġit li huma marbuta direttament u indirettament mat-twassil tal-proġett jew attività proposta? (15-il marka)
- Ipprovdi kwotazzjonijiet biex tappoġġja l-baġit tiegħek (5 marki)

# 5. Is-sottomissjoni tal-applikazzjoni

Segwi dawn il-passi biex tapplika:

1. Aqra dawn il-linji gwida u r-regolamenti b'attenzjoni kbira
2. Iċċekkja jekk l-idea proposta tiegħek tistax tiġi indirizzata b'din l-iskema
3. Agħfas il-ħolqa li tieħdok fis-sistema ta' applikazzjoni online
4. Jekk m' għandekx profil, oħloq il-profil tiegħek mal-Kunsill Malti għall-Arti billi tikklikkja fuq Irreġistra u imla d-dettalji
5. Mit-taqsima tas-sejħiet miftuħa, agħżel l-applikazzjoni online għall-iskema li biħsiebek tapplika għaliha
6. Segwi l-istruzzjonijiet pass pass. Imla l-informazzjoni meħtieġa kollha mill-applikazzjoni online inkluż il-baġit, u ehmeż id-dokumentazzjoni ta' sostenn
7. Issottometti l-applikazzjoni. Inti għandek tirċievi rikonoxximent awtomatiku mis-sistema. Jekk ma tirċevix tali notifika, ikkuntattjana fuq applyforfunds@artscouncil.mt .

L-applikanti huma mitluba joħolqu profil fis-CRM tal-KMA minn tal-anqas ġimgħatejn qabel id-data tal-iskadenza tas-sejħa.

F'każ ta' diffikultà, inti tista' ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00, jew ibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tippreżenta formola tal-applikazzjoni kompluta kif spjegat f'dawn il-linji gwida u regolamenti. Jekk ma tippreżentax l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa, l-applikazzjoni tiegħek ma tiġix ipproċessata.

Huwa biss fid-diskrezzjoni tal-Kunsill Malti għall-Arti li jitlob li l-applikanti jipprovdu kwalunkwe dokumentazzjoni obbligatorja nieqsa.

Malli tiġi sottomessa l-applikazzjoni, l-applikanti jaċċettaw li jekk l-applikazzjoni tingħata finanzjament, l-isem, it-titlu tal-avveniment, u l-ammont mogħti jistgħu jiġu ppubblikati mill-Kunsill Malti għall-Arti

Deċiżjoni dwar il-finanzjament tittieħed abbażi tal-kwalità tal-informazzjoni sottomessa u tad-dokumenti ta' sostenn.

L-applikazzjonijiet li jaslu wara 12.00 (nofsinhar) tad-data ta' skadenza rispettiva ma jistgħux jiġu aċċettati.

## 5.1 Lista ta' Kontroll

- Disinni jew abbozzi artistiċi, materjal awdjoviżiv, kampjuni, pjanti, ritratti, jew evidenza tal-proposta skont il-każ.
- Fajl awdjo jew awdjoviżiv li ma jaqbiżx il-5 minuti li fih l-applikant jipprovdi deskrizzjoni qasira, raġuni u/jew motivazzjoni għas-sottomissjoni tal-proposta
- Is-CVs tal-parteċipanti tal-proġett
- Kwotazzjonijiet, tas-servizzi u/jew materjali
- Kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-VAT Malti, jew dikjarazzjoni iffirmata mis-segretarju f'każ ta' organizzazzjoni li ma tiżvolgix attivitajiet ekonomiċi
- Permessi
- Statut iffirmat tal-organizzazzjoni volontarja li juri b'mod ċar l-għan/għanijiet tagħha.

Fil-każ ta' applikazzjonijiet għas-saħħa u sikurezza fil-kmamar tan-nar dawn għandhom jinkludu:

- Dikjarazzjoni mis-Segretarju tal-Għaqda Volontarja li tikkonferma li l-kamra tan-nar hija tabilħaqq propjetà tal-istess għaqda
- Dikjarazzjoni tal-perit li tikkonferma li jkunu nkisbu l-permessi kollha meħtieġa f'każ ta':
    1. Twaqqigħ jew bini ta' strutturi immobbli
    2. Tqattigħ ta' art li tkun għadha fl-istat naturali tagħha (blat jew ħamrija)
- Irċevuta riċenti tal-Weapons Office
- Kopja tal-liċenzja Licence A jew Licence B
- Kopja tal-karta tal-identità tal-licencee (wara u quddiem)

# 6. Proċess ta' finanzjament

Din l-iskema hija kompetittiva u tiġi evalwata minn bord ta' esperti settorjali skont kriterji stabbiliti.

Kif speċifikat hawn fuq, kull kriterju għandu allokat għadd ta' marki speċifiċi. Sabiex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, il-proġetti jridu jiksbu medja ta' mill-inqas 60 marka.

Madankollu s-sessjoni tal-evalwazzjoni u d-deċiżjonijiet ta' finanzjament jiddependu mill-kwalità tal-proposti mressqa u mid-disponibbiltà tal-fondi. Għalhekk jekk proġett jikseb 60 marka jew aktar ma jfissirx awtomatikament li ser jingħata l-fondi. Il-Bord tal-Evalwazzjoni jista' jiddeċiedi li ma jallokax il-fondi totali disponibbli għal sejħa partikulari jekk il-proġetti proposti ma jilħqux il-livell meħtieġ skont il-kriterji tal-fond.

L-applikazzjonijiet eliġibbli jiġu evalwati minn tim ta' evalwazzjoni magħżul mill-Kunsill Malti għall-Arti abbażi tal-esperjenza professjonali tagħhom. Il-Kunsill jagħżel l-evalwaturi abbażi tal-esperjenza indipendenti u professjonali tagħhom. L-evalwaturi jippreżentaw evalwazzjoni dwar kull proġett proposti u jindikaw il-klassifikazzjonijiet relevanti mogħtija.

## 6.1 Komunikazzjoni tar-riżultati

In-notifika tar-riżultat mill-Kunsill Malti għall-Arti se tindika d-deċiżjoni, skont il-kriterji ta' eliġibbiltà. In-notifiki tar-riżultati se jintbagħtu hekk kif l-applikazzjoni tkun kompluta u tinkludi d-dokumentazzjoni obbligatorja kollha, u fid-dati indikati f'paġna 2 ta' dan id-dokument.

L-applikazzjonijiet magħżula se jiġu ppubblikati online. L-ismijiet tal-applikazzjonijiet magħżula biss se jiġu ppubblikati; fil-każ ta' applikazzjonijiet li ma ngħataw l-ebda fondi, se jiġi ppubblikat biss in-numru ta' referenza tagħhom.

L-ebda informazzjoni dwar il-proċess ta' evalwazzjoni mhi se toħroġ qabel in-notifika tar-riżultat uffiċjali. Kull forma ta' sollecitazzjoni awtomatikament tiskwalifika applikazzjoni.

L-informazzjoni kollha li tasal se titqies kunfidenzjali, kemm matul kif ukoll wara l-proċess ta' evalwazzjoni. Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data u l-kunfidenzjalità għal avvenimenti ta' suċċess ser jiġu inklużi fil-ftehim ta' Għotja.

# 7. Implimentazzjoni u monitoraġġ

Se jiġi ffirmat kuntratt li jispeċifika l-kundizzjonijiet tal-iskema. L-għotja tista' tingħata biss mat-tlestija tal-proċess ta' hawn fuq fiż-żmien stabbilit.  L-iżborż ekwivalenti għal 100% tal-ammont allokat se jiġi pproċessat wara l-iffirmar tal-kuntratt u s-sottomissjoni tar-rapport finali mill-benefiċjarju, wara l-approvazzjoni mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Il-benefiċjarji jridu jużaw il-logo tal-Kunsill Malti għall-Arti fuq il-materjal relatat kollu u jispeċifikaw li l-avveniment kien appoġġjat mill-għotja kif ġej: **Appoġġjat mill-Kunsill Malti għall-Arti**, fil-kummerċjalizzazzjoni kollha, PR u materjal stampat. L-għotja riċevuta għandha tintuża biss għall-iskop li għalih tkun ingħatat, skont il-proposta ppreżentata u l-kuntratt.

Il-benefiċjarji jridu jagħmlu lilhom infushom disponibbli għal żjarat u komunikazzjoni mar-rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Arti għal skopijiet ta' monitoraġġ, kemm matul l-implimentazzjoni tal-avveniment kif ukoll wara li jitlesta. Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriżerva wkoll id-dritt li jirrevedi l-pagament finali, jekk in-nefqa totali hija inqas minn dik stmata fil-formola tal-applikazzjoni jew jekk it-termini tal-kuntratt ma jkunux rispettati.

## 7.1 Rapport

Inti tkun mitlub tissottometti rapport sa mhux aktar tard minn tmien (8) ġimgħat wara li l-avveniment ikun ġie konkluż. Il-Kunsill Malti għall-Arti jipprovdi mudell għar-rapport tiegħek. Jekk rilevanti,

flimkien ma' dan ir-rapport, il-benefiċjarji għandhom jissottomettu kopji ta' kwalunkwe ritratti u vidjows b'riżolouzzjoni għolja, materjal rilevanti ta' kummerċjalizzazzjoni, ta' pubbliċità jew ta' informazzjoni żviluppat għall-proġett iffinanzjat.

Il-benefiċjarji jridu jipprovdu tqassim dettaljat, finali u ċċertifikat tad-dħul u l-infiq. It-tqassim tad-dħul u l-infiq għandu jitħejja f'konformità mal-istandards finanzjarji applikabbli u allinjati ma' dawn il-linji gwida u regolamenti, u għandhom ikunu ċċertifikati minn *accountant* jew awditur bil-*warrant*. Fil-każ ta' għotja li ma taqbiżx il-ħamest elef ewro (€5,000), tintalab tippreżenta baġit dettaljat finali flimkien mad-dokumenti kollha ta' sostenn kif ukoll fatturi tal-VAT u/jew irċevuti fiskali.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jżomm id-dritt li jagħmel użu mill-materjal tal-avveniment sottomess.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jżomm id-dritt li jirkupra fondi f'każ li dawn ma jkunux qed jintużaw u/jew jiġu użati ħażin u/jew ma jintużawx skont il-baġit ippreżentat.

# 8. Il-proċedura tal-ilmenti

It-tressiq ta' lment ma jaffettwax iċ-ċans tiegħek li tirċievi appoġġ mingħand il-Kunsill Malti għall-Arti fil-futur. Kull ilmenti jiġi ttrattat b'mod kunfidenzjali.

## 8.1 Bażi għall-ilmenti

L-applikanti jistgħu jressqu lment rigward anomaliji u irregolaritajiet fil-proċedura waqt il-proċess tat-tressiq tal-applikazzjoni u tal-evalwazzjoni skont il-proċeduri u r-regolamenti stipulati f'dawn il-linji gwida. Ma jistgħux isiru lmenti dwar:

- Il-politiki u l-proċeduri tal-Kunsill Malti għall-Arti jew tal-Gvern.
- Il-merti tal-applikazzjoni f'termini tal-kriterji stipulati f'dawn il-linji gwida u regolamenti.

L-applikanti biss jistgħu jressqu lmenti dwar il-proġetti tagħhom.

## 8.2 It-tressiq ta' lment

L-ilmenti għandhom isiru bil-miktub u jkunu ċari kemm jista' jkun. L-ilment għandu jispeċifika l-bażi u r-raġunijiet tal-ilment, jagħti spjegazzjoni dettaljata u ġustifikazzjoni sostnuta b'dokumentazzjoni jew bi provi relevanti dwar għaliex l-ilmentatur jidhirlu li twettqu irregolaritajiet fil-proċedura/i stipulata/i f'dawn il-linji gwida u regolamenti jew f'regoli u regolamenti ta' governanza tajba standard li jirregolaw is-settur pubbliku. Id-deċiżjoni meħuda fi tmiem il-proċess tal-ilment tkun finali. L-ilmenti għandhom isiru lid-Direttur tal-Fondi, il-Kunsill Malti għall-Arti, fuq fundinfo@artscouncil.mt fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament. Normalment tirċievi tweġiba fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol.

Kemm-il darba ma tkunx sodisfatt bit-tweġiba, il-Kunsill jifforma bord biex jiddiskuti l-ilment tiegħek f'aktar dettall. Jekk tuża l-proċedura tal-ilmenti tagħna jkun ifisser li taċċetta li nistgħu nużaw l-informazzjoni dwar il-proġett tiegħek biex nittrattaw l-ilment. Id-deċiżjoni tal-bord tkun finali.

# Teħtieġ parir?

Qabel it-tressiq tal-applikazzjonijiet, il-Kunsill Malti għall-Arti joffri servizzi ta' konsultazzjoni biex jgħinek tiżgura l-appoġġ għall-proġett tiegħek. Aħna nkunu disponibbli matul kull pass tal-proċess. Nistgħu ngħinuk tiddeċiedi jekk il-kunċett ewlieni u l-profil tal-proġett tiegħek ikunux konformi mal-mekkaniżmu tal-appoġġ inkwistjoni u nagħtuk feedback dwar il-mod kif qed tippjana li tippreżenta l-proġett. Ippjana bil-quddiem u kellimna mill-inqas erba' ġimgħat qabel id-data tal-iskadenza għat-tressiq tal-applikazzjoni biex b'hekk tuża s-servizzi tagħna bl-aħjar mod.

Tista' ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

**Linji gwida aġġornati fl-4 ta' Frar 2026.**